MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 951/2005

**Joseph Dimech**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta' Ottubru 2005 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fuq ic-certifikat tat-twelid tal-attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 1153 tas-sena 1941 (Dok. "A"), taht il-kolonna "ismijiet moghtijin" u taht il-kolonna "Isem jew isimijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha" hemm imnizzel erronjament l-ismijiet "Giuseppe, Carmelo, Salvino" u "Giuseppe" rispettivament;

Illi kif ghandu jirrizulta minn diversi dokumenti ufficjali fosthom il-karta tal-identita' tal-istess attur (Dok. "B"), u diversi certifikati skolastici (Dok. "C", "D" u "E") isem l-attur gie mnizzel korrettament bhala "Joseph" u mhux "Giuseppe" u difatti sa minn twelidu huwa dejjem kien u ghadu jissejjah bl-isem ta' "Joseph" u mhux "Giuseppe";

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tawtorizza li ssir il-korrezzjoni fuq l-Att tat-Twelid ta' l-attur mahrug  mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 1153 tas-sena 1941 (Dok. "A"), billi taht il-kolonna "Ismijiet moghtijin" l-ewwel isem ghandu jigi mibdul ghal "Joseph" fil-waqt li taht il-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha" il-kelma "Giuseppe" tigi mnehhija u sostitwita bil-kelma u l-isem "Joseph".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 9 tal-process;

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tat- 3 ta' Frar 2006 (fol 21).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-10 ta' Novembru 2005 a fol 13 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-esponent ma joggezzjonax ghall-korrezzjoni mitluba fit-talbiet attrici.

2. Illi ghandha issir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid ta' l-attur mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li

ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol 14 sa 15 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti datati 10 ta'Jannar 2006, 19 ta' Jannar 2006 u 26 ta' April 2006 fejn fl-ahhar seduta xehed l-attur, u Dr. Roma D'Alessandro ghall-konvenut ipprezentat vera kopja tac-certifikat tat-twelid ta' l-attur u wara li d-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-provi, l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid tal-attur li jgib in-numru 1153/1941 *stante* li l-istess attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bl-isem "Joseph" u mhux "Giuseppe" kif indikat fl-istess Certifikat. Illi dan jinsab ikkonfermat mid-dokumenti esebiti mill-attur inkluzi l-karta ta' identita' tieghu, il-passaport tieghu, certifikat ta' l-iskola, u wkoll mix-xhieda tieghu, u l-istess dokumenti li ghalihom qed issir referenza huma mmarkati bhala Dok "B" sa Dok. "E" annessi mac-citazzjoni attrici.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kkontestati, u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess jikkontrastaw mat-talbiet attrici, **tilqa’ t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b’dan illi:

1. Tawtorizza li ssir il-korrezzjoni fuq l-Att tat-Twelid ta’ l-attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru ta’ iskrizzjoni 1153 tas-sena 1941 (Dok. “A”), billi taht il-kolonna “Ismijiet moghtijin” l-ewwel isem ghandu jigi mibdul ghal “Joseph” fil-waqt li taht il-kolonna “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha” il-kelma “Giuseppe” tigi mnehhija u sostitwita bil-kelma u l-isem “Joseph”.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------